MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru. 68/2012

Il-Pulizija

Spettur Norbert Ciappara

vs

Kevin Gatt

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 69976M akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer f'Mejju 2009, ghamilt xi haga bi ksur tal-ordni tal-Qorti, mahrug mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LLD. fit-23 ta' Otubru 2008, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek;

Semghat il-provi;

Semghat l-Avukati difensur jitratta;

Ikkunsidrat:

L-akkuza hija dwar attentat tal-imputat, li jiddisponi minn beni tieghu, bi ksur ta' ordni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, maghmula l-istess ordini ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101. Skond dan l-ahhar imsemmi artikolu, l-imputat kellu l-propjeta mobbli tieghu kollha, milquta b'ordni ta' iffrizar u kien ipprojbit li jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn kull beni tieghu, kemm mobbli u immobbli. Ghal tali fini, saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2008. Mill-provi in atti jirrisulta fil-konfront tal-akkuza, li huwa kellu xi beni registrati f'ismu ma'Transport Malta (allura l-Awtorita' Marittima); il beni konsistenti, f'daghjsa registrata taht il-Small Ships Register bin-numru S 13639.

Ix-xhieda fuq daqstant, pero ma tlahhaqx il-grad rikjest mill-ligi. Xehed biss l-Avukat Robert Vassallo, qua "Legislation and Compliance Manager" li stqarr fuq li qalulu impjegati tahtu.

Fin-nuqqas ta' prova jew provi kif titlob il-ligi, l-Qorti ma ssibux hati u tilliberah.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------